# Frans Sammut u l-Ħolma Maltija

***minn Norbert Ellul Vincenti***

Meta r-rumanz *Il-Ħolma Maltija ħareġ fl-1994,* **Norbert Ellul-Vincenti OFM, M.A.(Oxon)** *kien kiteb hekk fit-*Times*: "There is nothing of this scale or stature in our literature". Issa li r-rumanz ħareġ fi traduzzjoni fi New York,* **Ellul Vincenti** *tana din il-kitba esklussiva dwar l-istess rumanz:*

Kultant nistgħu ninstemgħu parrokkjali meta nfaħħru raħal jew belt (x'inhi d-differenza hawn Malta?) mingħajr ma ngħannu wkoll il-glorji tal-pajjiż kollu. Imma dan m'għandux ikun, l-ewwel għax m'għandniex inkunu parrokkjali (almenu mhux iżżejjed!) u t-tieni għax l-istorja tal-pajjiż tista' tkun marbuta intimament ħafna ma' xi belt jew oħra. Każ ewlieni huwa dak tal-Belt Valletta.

Hawn Malta, il-ġrajja nazzjonali hija marbuta ma' ftit bliet/irħula, għax meta tqis li sa żewġ sekli jew tlieta ilu, ftit kien hawn bliet/irħula minn xiex tagħżel, allura kollox sar f'ħolqa iżgħar mil-lum.

Hekk jew hekk, Ħaż-Żebbug jikseb l-unuri kollha fin-nisġa tal-ġrajja Maltija. U ż-Żebbuġin, naturalment għandhom biex jiddandnu u jiftaħru f'dawk il-parametri li semmejna hawn fuq.

Iben denn li jixxaħxaħ fil-glorja dehbiena Żebbuġija, kull fejn jista', huwa Frans Sammut, li min-naħa tiegħu, ma naqasx li jżid ma' dak li sab, bil-ħidma utieqa tiegħu. Frans Sammut, illum huwa isem magħruf mhux biss bħala Żebbuġi imma anke bħala Malti.

Kien dan is-seħer Żebbuġi, li ġiegħel lil Frans Sammut idur għal Mikiel Anton Vassalli biex jikteb l-istorja tiegħu f'rumanz storiku. Almenu hekk naħseb, għax Żebbuġin it-tnejn – iżda mingħajr ma niċħdu li Vassalli huwa figura kbira internazzjonali u ċertament Maltija.

## Il-*Lexicon*

Meta darba ktibt fit-*Times* fuq il-*Lexicon* ta' Vassalli ippreżentat u annotat minn Frans Sammut, kont ktibt: "*The Maltese were still living as in feudal days when the Enlightenment arrived. Self-determination, however, did not arrive until much later…. The truth is that Vassalli was not simply compiling given data passively, but was intent on laying down a structure, imparting the benefit of his erudition to the people that he so much admired, and that he wished fervently to grow up in every way. He was conscious that the language was in bad shape from ill-use. He himself talks of "voglio assoggettare il Maltese a certe regole" (I want to submit Maltese to certain rules)."*




Ma naħsibx li hemm għalfejn nittraduċi dak il-kliem. Vassalli kien bniedem, li meta ħares madwaru ma rax

dak li kien hemm u kkuntenta ruħu, imma ħares ukoll 'il barra, u ra differenza kbira bejn il-ħajja tal-poplu Malti u l-ħajja tal-barranin, u ried b'ħiltu kollha li jagħmel differenza. Ħajtu għexha biex jagħmel din id-differenza – u spiċċa ħazin – jew aħjar – spiċċa tajjeb, għax illum qed napprezzawh u nonorawh. Imma kemm tbatija għalih u għal familtu!

Ried mhux biss jaġevola l-lingwa billi jissuġġetta l-ilsien li jitħaddet bih il-poplu għal ċerti regoli determinati minnu (per eżempju, l-alfabet, il-Malti ta' Ħaż-Żebbuġ minflok il-Malti tal-Belt…) imma Vassalli xtaq ukoll – u ħolom – progress ieħor soċjali għall-Maltin ħutu.

Personalment għandi ħafna simpatija lejn Vassalli, u jisgħobbija ħafna għall-isfortuna ta' l-aħħar snin. Però kien hemm xi ħaġa fil-karattru tiegħu li biegħdet lin-nies minnu, donnhom jibżgħu jafdawh.  Kont nistenna li xi mkien barra, kien isib post f'xi università biex jgħallem. Naqtgħu li ma kienx bniedem faċli, u ma nafx kif minkejja l-għerf kbir tiegħu, u forsi superjorità għal ħafna għalliema oħra, ma sabx jgħallem x'imkien fejn seta' jistagħna. Imma fil-każ ma kienx l-ewwel bniedem kbir li ma kienx maqtugħ għal man-nies.

Dan joħroġ kollu mill-ġrajja ta' Frans Sammut dwar Vassalli, ġrajja li huwa niseġ bl-akbar għaqal u attenzjoni biex ma jitbigħedx mill-fatti magħrufa, fil-waqt li jħalli l-wisa' għall-possibbiltà li tinstab aktar informazzjoni fuq Vassalli, wara l-ħruġ tar-rumanz.

## Ir-rumanz ta' Sammut

F'dak ir-rumanz, Sammut wera kemm kien jaf tajjeb lil Vassalli, kemm kien iħobbu, u fuq kollox kemm kien iħobb lil Ħaz-Żebbuġ bħal iben denn.

*Ma ninsa qatt is-sorpriża ta' dak l-ewwel kapitlu fejn Sammut jintefa' b'ruħu u b'ġismu biex jinseġ tila artistika, storika u lingwistika li ħaqqha tkun mgħallma f'kull klassi fejn Malti jidħol biex jitgħallem iħobb pajjizu.*

*Il-Ħolma Maltija* huwa rumanz li ma jmut qatt, ukoll jekk daħlu fih xi elementi lingwistiċi peżanti li daħlu biex ma jibqa' xejn barra.  Huwa unur għal Malta li għandna kitba hekk kbira fuq figura hekk kbira, imma din it-triq glorjuża trid tgħaddi, għal darba oħra minn Ħaz-Żebbuġ.

Fid-daħla tal-*Lexicon,* Vassalli jindirizza x-xogħol tiegħu lin-Nazzjon Maltija filwaqt li jawgura saħħa u kuntentizza lill-"Maltin sħabi". Hija talba biex ix-xogħol ta' l-aħjar snin ta' ħajtu ma jiġix imwarrab immeritament  mill-Maltin.

Naħseb, anzi m'għandix dubju, li Frans Sammut jaqbel ma' din ix–xewqa ta' Vassalli u jestendieha għall-ħidma kollħa ta' ħajtu, ta' dan il-persunaġġ kbir  Żebbuġi.



***Kemm hu dritt...***
***Ma taħrablux nota waħda milli ddoqq il-Banda.***

Kummenti ikomplu